MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 21

Il-Ħamis, 28 ta' Jannar, 2021

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' permezz ta' Microsoft Teams meeting fil-13:00.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier

Etienne Cauchi – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 21.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

21.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

21.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 21.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

21.2.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-istudju: Sustainable Urban Mobility Plan huwa iffinalizzat. Ser issir preżentazzjoni uffiċjali tal-istudju fil-Kunsill ta' San Lawrenz fil- 5 ta' Frar fl-4pm fejn il-Kunsill huwa mistiden jattendi.

21.2.2 Is-Sindku qal li f'isem il-Kunsill xtaq jirringrazzja lil-ambaxxatur taż-żgħażagħ, Etienne Cauchi tax-xogħol u dedikazzjoni li wera fil-ħidma tiegħu fil-Kunsill f'dawn l-aħħar snin li ilu jservi ta ambaxxatur u jispera li kien żmien ta' esperjenza għalih ukoll.

21.2.3 Is-Sindku qal li wara li ntervejna fuq l-arrettrati tal-Kunsill mall-GAGF dawn iproponew li jekk il-Kunsill iħallas l-membership ta' din is-sena li jammonta għall-€500.00, jinħafru l-ammonti l-oħrajn pendenti. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u li jistenna sakemm ikollu bil-miktub.

21.2.4 Is-Sindku ppropona li għal din is-sena, isiru kompetizzjonijiet għall-żmien il-Karnival b'mod li jħares il-miżuri mill-Dipartiment tas-Saħħa. Is-Sindku ppropona li jinħarġu tlett kategorjii: L-isbaħ cake dekorat, l-isbaħ maskla/maskerun u l-isbaħ tieqa jew bieb dekorat. Ir-rebbieħa jingħataw rigal li ma jammontax iktar minn €75.00 għall-ewwel post u €50.00 għat-tieni post. Ir-rebbieħ ser jintagħżel mill-ammont tal-likes li jingħata fuq il-paġna tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

21.2.5 Is-Sindku qal li irċivejna r-rapport mill-attendent tad-Dwejra għas-sena 2020. Is-Sindku fakkar li ċ-Ċentru għamel xahrejn magħluq u għalhekk għal dak il-perjodu, ma ntbagħtetx invoice mill-kuntrattur. Huwa kompla jgħid li wara li ċ-ċentru reġa' beda jiftaħ, peress li l-kuntrattur ingħatat wage allowance mill-Gvern dawn qed jiġu riflessi fl-invoice li jibgħat il-kuntrattur bl-ammont tas-sussidju ridott.

21.2.6 Is-SE infurmat lill-Kunsill li qed tressaq ir-rapport għall-approvazzjoni li tħejja mill-bord ta' aġġudikazzjoni li twaqqaf mill-Kunsill. Dan il-bord evalwa l-offerti għat-tender:
SLLC/04/2020 – TENDER FOR THE SUPPLY OF POTS, TREES AND PLANTS, INCLUDING PLANTING AND MAINTENANCE, USING ENVIRONMENTALLY FRIENDLY MATERIALS AND PRACTICES.

Is-SE qalet li kien hemm tlett offerti (VAT eskluża):

Garland Malta - €23,329.80
Xerri's Landscaping Co. Ltd - €24,956.18
SeD Construction Ltd - €24,680.00

Is-SE qalet li l-bord ta' aġġudikazzjoni qed jipproponi li din l-offerta tingħata lill- Xerri's Landscaping Co. Ltd għaliex hi l-unika offerta li kienet administratevly u technically compliant.

Is-SE ressqet ir-rapport għall-approvazzjoni tal-Kunsill u dan ġie approvat unanimament.

21.2.7 Is-SE qalet li ħarġet skema SPI 2/2021 fejn ser ikunu hemm finanzji allokati lill-Playing Fields u t-tisbieħ tagħhom. Kunsill qabel unanimament li napplikaw.

21.2.8 Is-SE qalet li irċivejna korrispondenza mill-Perit Leli Vella fejn talab sabiex il-Kunsill jiċċertifika il-madwar tal-blokka appartamenti 'Il-Midra", fi Triq il-Wileġ, nkluż il-bankina u t-Triq. Is-Sindku qal li kif inbena il- post mhux kompetenza tagħna pero il-bqija huwa ppropona li nqabbdu lill-Perit tal-Kunsill peress li jeħtieġ li jkun parir tekniku. Il-Kunsillier Camilleri qal li din iċ-ċertifkazzjoni għandu jagħmilha l-iżvillupatur billi jħallas il-perit hu u mhux il-Kunsill. Is-Sindku qal li jekk isir hekk iċ-ċertifikazzjoni tkun imparzjali, l-interess tal-iżvilluppatur huwa li tingħata ċertifikazzjoni li teġevola lilu u mhux lir-raħal. Wara diskussjoni sar qbil li nkellmu l-Perit tal-Kunsill.

21.2.9 Is-SE qalet li l-AKL bagħtu li ser ikunu jitqassmu water savings kits fix-xhur li ġejjin. Sar qbil li niktbu fl-avviżi.

21.2.10 Is-SE qalet li rigward il-proġett ta' M4.3, wasalna sabiex inħallsu l-aħħar triq li hi Triq Wied il-Merill. Hi kompliet tgħid li peress fiċ-CBM account m'hemmx biżejjed biex jitħallas il-kuntrattur, talbet lid-Direttur sabiex jagħtina l-approvazzjoni, u dan approvah sabiex ngħaddu l-flus li hemm bżonn mill-kont bankarju tal-Kunsill. Kunsill qabel unanimament.

21.2.11 Is-SE qalet li irċiviet mid-Direttur tal-Gvern Lokali sabiex issir laqgħa rigward l-iżbilanċ finanzjarju. Is-SE flimkien mas-Sindku u l-Accountant tal-Kunsill ser ikunu preżenti għall-laqgħa.

## 21.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

21.3.1 Il-Kunsillier Carmela Grima qalet li t-tiżjin tal-Milied tas-sena qed taraħ għoli fil-prezz u tipproponi li għas-sena d-dieħla jixtri kollox il-Kunsill. Is-Sindku qal li din l-ispiża bħas-snin l-oħrajn u t-tiżjin kien jinkludi t-toroq u l-christmas tree. Is-Sindku kompla jgħid li jekk t-tiżjin jinxtara, ser ikollna dejjem l-istess tiżjin u dejjem ikun hemm spejjeż għat-tiswija. Is-Sindku fakkar li din is-sena kellna skema mill-Ministeru għall-Għawdex li se tkopri ħafna mill-ispejjeż tal-Milied u mhux ser ikun ta piż fuq il-finanzi tagħna.

## 21.4 Performance Bonus għall-Impjegati;

21.4.1 Is-SE ressqet ir-rapport għall-Assistant Principal Carmen Micallef, Sarah Caruana Piscopo u Loretta Cauchi għas-sena 2020 u irrakkomandat li jingħataw l-massimu ta' 6%. Il-Kunsill qabel unanimament.

21.4.2 Is-Sindku qal li l-ħidma tas-SE turi u tirrifletti ħafna fix-xogħol li qed isir u għalhekk ippropona li s-SE għandha tingħata *performance bonus* ta' 2020 il-massimu ta' 10%. Il-Kunsil qabel unanimament. Il-Bonus ingħata massimu ukoll fil-każ tal-Aġent SE Ms Marianne Sagona li serviet meta s-SE kienet fuq Maternity Leave

## 21.5 Spostament tal-Librerija, Berġa u Store;

21.5.1 Is-Sindku ippropona li l-kamra ż-żgħira li l-Kunsill kien silef lil tal-football biex tintuża bħala store tiġi wżata wkoll bħala Berġa. Fejn illum hemm il-Berġa u l-istore tal-Kunsill issir il-librerija u fejn illum hemm il-librerija isir l-istore tal-Kunsill. Dan wara li anke d-dipartiment tas-saħħa talab sabiex ikollna Berġa b'inqas skariġġ ta' nies. Is-Sindku qal li b'dan il-mod ikunu nistgħu nagħtu servizz ferm aħjar u nutilizzaw l-ispazju kollu possibli.

Il-Kunsillier Cauchi qal li ma jaqbilx ma din il-proposta għaliex tal-football club ikollhom bżonn dik il-kamra. Wara diskussjoni sar qbil li l-Kunsill jitkellem mal-kumitat qabel nieħdu deċiżjoni finali.

## 21.6 Story telling fil-Librerija;

21.6.1 Is-Sindku ippropona li ssir storytelling on line fil-librerija fejn ninvolvu lill-istudenti u tkun fir-responsabilita' ta' Ms Valeria Caruana. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 21.7 Sotto Kumitat Indafa fil-Lokal;

21.7.1 Is-Sindku qal li kellu proposta mingħand Lawrence Cauchi sabiex isir kumitat tal-indafa fi-raħal fejn avvenimenti bħal Clean up the World isiru iktar ta' spiss. Il-Kunsill qabel li joffri l-għajnuna tiegħu u approva l-kumitat.

## 21.8 Edukazzjoni għat-Tfal rigward l-Identita' tar-Raħal;

21.8.1 Is-Sindku qal li prepara proposta tal-Good Parenting Social Club, sabiex tiġi preżentata lis-sezzjoni tal-Eco Gozo fi ħdan il-Ministeru. Is-Sindku qal bil-qbil tal-Kunsill, li din ser tinkludi proposta li saritlu fejn jiġu magħmula animations b'informazzjoni dwar San Lawrenz, immirata lejn it-tfal. Il-Kunsill qabel mal-proposta dment li l-ispejjeż kollha ikunu koperta bl-iskema.

## 21.9 Neighbour Hood Watch;

21.9.1 Is-Sindku qal li qed jipproponi sabiex inġibu iktar tagħrif sabiex inkunu nistgħu nimplimentaw tip ta' neighbour hood watch għar-residenti. Sar qbil li nkellmu lill-pulizijia biex jidderiġuna x'hemm bżonn isir.

## 21.10 Rapport Annwali Amministrattiv 2020;

21.10.1 Is-SE ressqet ir-rapport annwali amministrattiv għall-2020 għall-approvazzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 21.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

21.11.1 Ġew approvati unanimament l-pagamenti li kien hemm pendent u ġiet iffirmata l-iskeda ta' pagamenti.

## 21.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

21.12.1 Il-laqgħa intemmet fis-15:10 u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir it-Tlieta, 23 ta' Frar 2021 fil-13:30.

IFFIRMATA

Noel Formosa
Sindku

IFFIRMATA

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv